# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Illum, 23 ta' Frar, 2001**

**Citaz.  numru:  313/00 M3 NA**

**Paul Giordmaina**

**vs**

**Pauline Giordmaina**

**Il-Qorti,**

Dan id-digriet gie provokat b'rikors ta' l-attur tal-25 ta' Ottubru 2000 fejn talab lil din il-Qorti tvarja l-hinijiet ta' l-access li huwa kellu ghall-minuri bintu Sarah liema hinijiet kienu gew stabbiliti b'digriet ta' din il-Qorti tas-7 ta' Settembru 2000.

Ghal dan ir-rikors saret risposta tal-konvenuta fit-23 ta' Novembru 2000 fejn, ghar-ragunijiet hemm moghtija, talbet lill-Qorti tichad it-talbiet attrici.

Ir-rikors gie appuntat ghall-14 ta' Frar, 2001 fejn gie ttrattat u mholli ghad-digriet kamerali.

Ikkunsidrat:-

Illi fid-dibattitu illi sar quddiem din il-Qorti deher illi kien hemm, jekk mhux qbil, izda almenu l-accettazzjoni tacita tal-partijiet prezenti fl-Awla ghall-proposti u kontro-proposti li saru minnhom tramite l-Avukati difensuri taghhom.

Fl-interess tal-minuri u konsiderat id-diskussjonijiet li saru seduta stante l-Qorti sejra tvarja d-digriet precedenti taghha billi takkorda access lill-attur kull nhar ta' Sibt bejn id-9.30 a.m. u t-3.30 p.m. filwaqt illi fil-vaganzi tas-Sajf biss addizzjonalment ghall-gurnata tas-Sibt l-attur ikollu wkoll access ghall-minuri kull nhar ta' Erbgha wkoll bejn id-9.30 a.m. u t-3.30 p.m.

L-ispejjez huma rizervati.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur rf.